MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 210/15LM

**Credorax (Malta) Limited (C46342)**

**vs.**

**Evobet Ltd (C55926)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippeżentat fis-6 ta' Marzu, 2015 mis-soċjetà attriċi **Credorax (Malta) Limited (C46342)** (minn issa "is-soċjetà attriċi"), u Dr Frederick Ellul (K.I. 383377M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi kkonferma bil-ġurament, fejn ippremettiet u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

1. *Illi l-kumpannija rikorrenti hija acquiring bank, ossia istituzzjoni finanzjarja li tipprovdi servizzi ta' proċessar ta' pagamenti bi credit u debit cards għall-klijenti (merchants u cardholders) tagħha.*

2. *Illi fit-12 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti daħlet f'merchant agreement mal-kumpannija intimata, kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata Dok CML 1, permezz ta' liema r-rikorrenti ntrabtet li tipprovdi s-servizzi tagħha lill-intimata għal perijodu ta' tliet (3) snin għal rati stabbiliti fl-istess kuntratt.*

3. *Illi tul il-kors tal-proviżjoni tas-servizzi tagħha, ir-rikorrenti investigat numru ta' tranżazzjonijiet inkorsi fuq is-sit tal-kumpannija intimata ta' natura inkwetanti, liema investigazzjoni wasslet lir-rikorrenti għall-konklużjoni li kien hemm tranżazzjonijiet li kienu jindikaw attivitajiet illegali, fosthom serq ta' credit jew debit cards u/jew frodi. Dokument li juri aspett ta' din l-investigazzjoni ġie anness u mmarkat Dok CML 2.*

4. *Illi kif joħroġ mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok CML 3 u Dok CML 4, il-kumpannija rikorrenti ġibdet l-attenzjoni tal-kumpannija intimata dwar dawn it-tranżazzjonijiet.*

5. *Illi minkejja dawn il-komunikazzjonijiet, il-kumpannija intimata ma ħaditx l-azzjoni neċessarja sabiex din l-attività titwaqqaf u lanqas ma tat l-ebda spjegazzjoni lill-kumpannija rikorrenti dwar l-istess attività. Għall-kuntrarju, kif joħroġ mid-dokumenti mmarkati Dok CML 5 u Dok CML 6, il-kumpannija intimata xejnet dawn l-osservazzjonijiet u qalet li kienet għamlet il-verifiki neċessarji dwar*

*dawn il-klijenti, li ma kienx hemm kwistjonijiet pendenti magħhom u li ma kien hemm l-ebda attività frawdolenti jew ta' ħasil ta' flus.*

6. *Illi kif joħroġ mid-dokument suriferit anness u mmarkat Dok CML 4, investigazzjoni interna oħra tal-kumpannija rikorrenti żvelat li kien hemm mill-inqas każ ieħor ta' attività ta' natura inkwetanti.*

7. *Illi minħabba dan il-volum kbir ta' attività inkwetanti fuq is-sistemi tal-kumpannija intimata u n-nuqqas ta' kooperazzjoni murija minn din tal-aħħar, il-kumpannija rikorrenti tterminat il-merchant agreement suriferit fil-31 ta' Ottubru 2013, kif jidher mill-kopja tad-dokument anness u mmarkat Dok CML 7.*

8. *Illi meta l-kumpannija intimata ġiet notifikata bl-intenzjoni tal-kumpannija rikorrenti li ttemm il-ftehim bejn il-partijiet, hija kkontestat l-ammont pendenti dovut lir-rikorrenti.*

9. *Illi r-rikorrenti onorat l-obbligi kollha tagħha emanenti mill-merchant agreement suriferit u għalhekk l-ammont pendenti riżultanti mill-proviżjoni tas-servizzi tagħha lill-intimata, kif joħroġ mid-dokument immarkat Dok CML 8, huwa dovut.*

10. *Illi llum jirriżulta li l-kumpannija intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fil-bilanċ pendenti fl-ammont ta' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€193,465.70), oltre imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali.*

*Għaldaqstant il-kumpannija rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kumpannija intimata hija debitriċi tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€193,465.70), oltre imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali;*

2. *Tikkundanna lill-kumpannija intimata għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni, inklużi dawk tal-proċeduri odjerni u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan l-att.*

Rat illi s-soċjetà konvenuta **Evobet Ltd (C55926)** (minn issa "is-soċjetà konvenuta") għalkemm kienet debitament notifikata, naqset li tippreżenta risposta maħlufa u għalhekk hija kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti kollha prodotti mis-soċjetà attiċi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2015 fejn l-Avukat Lena Sammut għas-soċjetà attriċi ddikjarat li m'għandhiex aktar provi xi tressaq, irrimettiet ruħha għall-atti tal-kawża u talbet li l-kawża titħalla għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2015 fejn is-soċjetà konvenuta ngħatat il-fakultà li a tenur tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 li bħala kontumaċi

tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tagħha sal-15 ta' Lulju, 2015 u fin-nuqqas li tiġi ppreżentata tali nota, il-kawża titħalla għas-16 ta' Ottubru, 2015.

Rat illi s-soċjetà konvenuta naqset li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tagħha entro t-terminu mogħti lilha mil-liġi, u għalhekk il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Rat l-affidavit tal-**Avukat Frederick Ellul** direttur tas-soċjetà attriċi (a fol. 82 sa 83 tal-proċess), li kkonferma bil-ġurament illi:

*(i)* *Fit-12 ta' Diċembru, 2012, wara diversi diskussjonijiet u laqgħat bejn rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta u s-soċjetà attriċi, huwa ffirma għan-nom tal-kumpannija attriċi merchant agreement mas-soċjetà konvenuta (Dok CML 1 li jinsab esebit a fol. 6 sa 54 tal-proċess), permezz ta' liema l-kumpannija attriċi ntrabtet li tipprovdi s-servizzi tagħha lis-soċjetà konvenuta għal tliet snin għal rati stabbiliti fl-istess kuntratt;*

*(ii)* *Tul il-kors tal-proviżjoni tas-servizzi tagħha lill-kumpannija konvenuta, impjegati tas-soċjetà attriċi investigaw numru ta' tranżazzjonijiet li saru fuq is-sit tal-kumpannija konvenuta www.evobet.com li kienu ta' natura suspettuża u mad-daqqa t'għajn inkwetanti u li setgħu jindikaw attivitajiet illegali, fosthom serq ta' debit*

*jew credit cards u/jew frodi (a fol. 55 sa 57 tal-proċess). Minħabba dan, inġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà konvenuta dwar dawn it-tranżazzjonijiet suspettużi (a fol. 58 sa 64 tal-proċess);*

*(iii) Minkejja dan, is-soċjetà konvenuta ma ħaditx il-passi neċessarji sabiex din l-attività titwaqqaf u naqset milli tagħti spjegazzjoni sodisfaċenti lill-impjegati tas-soċjetà attriċi. Il-kumpannija konvenuta wieġbet li kienet għamlet il-verifiki neċessarji dwar il-klijenti inkwistjoni u li ma kienx hemm kwistjonijiet pendenti magħhom u li ma kien hemm l-ebda attività frawdolenti jew ħasil ta' flus;*

*(iv) Is-soċjetà attriċi wettqet żewġ investigazzjonijiet interni dwar l-attivitajiet suspettużi tas-soċjetà konvenuta fuq is-sistemi tal-kumpannija attriċi. Mit-tieni investigazzjoni rriżulta illi kien hemm mill-inqas każ ieħor ta' attività inkwetanti;*

*(v) Minħabba volum kbir ta' attività inkwetanti fuq is-sistemi tal-kumpannija konvenuta u nuqqas ta' koperazzjoni li wriet is-soċjetà konvenuta, fil-31 ta' Ottubru, 2013 is-soċjetà attriċi ħadet id-deċiżjoni li tittermina il-merchant agreement datat 12 ta' Diċembru, 2012 kif jidher mid-Dok CML 7 (a fol. 72 tal-proċess);*

*(vi) It-terminazzjoni tal-merchant agreement bl-ebda mod ma affettwa l-ammonti dovuti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kemm għal dawk li huma servizzi pprovduti mis-soċjetà attriċi skont Schedules 2 u 3 tal-merchant agreement, kif ukoll ammonti oħrajn, fosthom ammonti sostanzjali ta' chargebacks mitluba minn cardholders, li għalihom spiċċat ħallset is-soċjetà attriċi;*

(vii) *Kien biss wara li ttieħdet din id-deċiżjoni u ġiet notifikata biha li s-soċjetà konvenuta kkontestat l-ammont pendenti dovut lis-soċjetà attriċi għas-servizzi reżi, minkejja li s-soċjetà attriċi kienet onorat l-obbligi kuntrattwali kollha tagħha;*

(viii) *Jirriżulta li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €193,465.70 minbarra l-imgħax skont il-liġi u spejjeż legali.*

Semgħet ix-xhieda tal-**Avukat Karl Gonzi** (a fol. 87 - 88 tal-proċess), avukat fi ħdan is-soċjetà attriċi li kkonferma bil-ġurament li l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi għas-servizzi reżi lis-soċjetà konvenuta qatt ma ġie kkontestat mis-soċjetà konvenuta qabel ma ġie tterminat il-*merchant agreement.*

Semgħet ukoll ix-xhieda ta' **Tracey Ann Micallef** (a fol. 89 - 90 tal-proċess), Senior Accountant mas-soċjetà attriċi li kkonfermat bil-ġurament li skont il-kotba tal-kumpannija is-soċjetà konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €193,465.70 u li ma kienu saru l-ebda pagamenti akkont minn mindu ġiet ippreżentata din il-kawża.

Tqis illi jirriżulta mill-provi prodotti u fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi, u jistħoqqilhom li jkunu milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, li fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi skont dan li ġej:**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta Evobet Ltd. (C55926) hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Credorax (Malta) Limited (C46342) fl-ammont ta' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€193,465.70), oltre imgħax legali mis-6 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv;**

**2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Evobet Ltd (C55926) għall-ħlas fl-ammont ta' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€193,465.70), oltre imgħax legali mis-6 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------